MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 8/2008

Carmel Pace

vs

Franco Attard

Il-Qorti;

1. Permezz ta’ din il-kawza l-attur qieghed jitlob minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta’ tlett elef sitt mija u erbgha u ghoxrin euro u wiehed u hamsin centezmu (€3,624.51), import ta’ kambjala li giet iffirmata mill-konvenut fl-14 ta’ Marzu 2007.

2. Permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fit-22 ta’ April 2008 (fol. 8) il-konvenut iddikjara:-

a. In-nuqqas ta’ kompetenza tal-qorti, *ratione valoris*.

b. Kawza illecita u ghalhekk kull obbligazzjoni li tirrizulta minnha hi illecita u minghajr ebda effett.

Il-konvenut irtira dawn l-eccezzjonijiet fl-14 ta' Mejju 2008 u 9 ta' Gunju 2008 rispettivament.

3. Fid-9 ta' Gunju 2008 il-konvenut ipprezenta eccezzjoni ulterjuri (fol. 42) fis-sens li: Jekk ghal grazzja tal-argument kif qieghed jallega l-attur, it-transazzjoni meritu tal-kawza kienet rigal, japplikaw il-principji li nsibu fl-Artikoli 1738 u 1753 tal-Kodici Civili. Ghalhekk taht dan l-aspett, id-donazzjoni forma ta' rigal b'rikonoxxenza jew taghrif tal-merti tad-donatarju jew bi hlas specjali ta' xoghol li ghalih id-donatarju ma jkollu ebda jedd ta' azzjoni hi nulla jekk ma ssirx b'att pubbliku. Zgur li donazzjoni jew rigal bhala rikonoxximent tal-merti tad-donatarju jew bhala hlas specjali ta'xoghol li ghalih id-donatarju ma jkollu ebda dritt ta' azzjoni fl-ammont ta' €7,250 m'huwiex valur zghir, meta jitqiesu c-cirkostanzi kollha, inkluz il-prezz ta' bejgh u l-kundizzjoni finanzjarja tad-donanti.

4. Fil-qosor il-fatti tal-kawza huma s-segwenti:-

a. Permezz ta' kuntratt tal-14 ta' Marzu 2007 fl-atti tan-nutar Dr Kristen Dimech (fol. 14) l-attur f'ismu proprju u f'isem ohtu Theresa Pace, biegh lil Franco Attard is-sehem ta' 11/54 mid-dar numru ghaxra (10), Triq Canga, Xewkija, Ghawdex. Il-prezz dikjarat fil-kuntratt hu ta' erbat elef erbgha mija u tmintax-il lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm4,418.51) ekwivalenti ghal €10,292.35. Fil-kuntratt jinghad li minn din is-somma s-sehem ta' l-attur kien ta' tlett elef u disgha mitt lira Maltija (Lm3,900) ekwivalenti ghal €9084.56[1].

b. Fid-data li sar dan il-kuntratt, il-konvenut kien diga' xtara ishma ohra mill-istess fond. Fil-fatt l-attur hu l-proprjetarju tal-fond kollu.

[1] Is-sehem ta' l-attur kien ta' 5/27 filwaqt li ta' ohtu Theresa Pace kien 1/54.

c. Permezz ta’ kuntratt iehor li ukoll sar fl-14 ta’ Marzu 2007 fl-atti tan-nutar Dr Kristen Dimech (fol. 17), l-attur f’ismu proprju u f’isem ohtu Theresa Pace, biegh lil George u Noella konjugi Vella is-sehem ta’ 11/54 mid-dar numru hamsa (5) fi Triq Mejmuma, Xewkija, Ghawdex. Fil-kuntratt gie dikjarat li l-prezz hu ta’ elfejn tmien mija u sebghin lira Maltija (Lm2,870) li minnhom is-somma ta’ Lm2,500 kienet ghas-sehem ta’ l-attur[2].

d. Fis-seduta tad-9 ta’ Gunju 2008 il-konvenut ipprezenta dokument li nkiteb mill-avukat Dr Justyne Caruana[3] dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratti ta’ bejgh. F’dan id-dokument hemm rendikont tal-flus li thallsu lill-attur. Tissemma wkoll ic-cifra ta’ Lm3112 bhala ***“rigal – bill of exchange – amount to be paid within 2 years (Silvia).”*** (fol. 36).

e. Permezz ta’ dawn il-proceduri l-attur qieghed jitlob il-hlas ta’ l-ewwel kambjala li mmaturat fil-31 ta’ Dicembru 2007 (fol. 3) ghas-somma ta’ €3,624.51. Il-konvenut ikkonferma li l-firma li tidher fuq il-kambjala hi tieghu.

5. Il-konvenut qieghed isostni li d-donazzjoni hi nulla ghaliex ma saritx b’att pubbliku. F’dan il-kuntest ghamel riferenza ghall-Artikoli 1738 u 1753 tal-Kodici Civili:-

*“Ir-rigali li wiehed* ***jaghti b’rikonoxxenza, jew b’taghrif tal-merti tad-donatarju, jew bi hlas specjali ta’ xoghol li ghalih id-donatarju ma jkollu ebda jedd ta’ azzjoni****, kif ukoll ir-rigali li bihom jigi ordnat xi piz lid-donatarju, huma wkoll donazzjoni, bla hsara tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu ta’ wara dan.”.*

L-Artikolu 1753 jipprovdi li donazzjoni hi nulla jekk ma ssirx b’att pubbliku, bl-eccezzjoni *“…..ghal rigali, li jinghataw minn id ghal id, ta’ flus jew ta’ hwejjeg mobbli korporali ohra, jew ta’ titoli ghall-portatur, jekk is-somma*

---

[2] Is-sehem ta’ l-attur kien ta’ 5/27 filwaqt li ta’ ohtu Theresa Pace kien 1/54.
[3] Kienet qeghda tassisti lill-attur.

*jew il-valur taghhom ikun zghir, meta jitqiesu l-kondizzjoni tal-persuni u cirkostanzi ohra.”*.

6. F’dan l-istadju jkun utli li jigi riprodott dak li jinghad fid-dokument imhejji mill-avukat Dr Justyne Caruana dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ bejgh:

| | |
|---|---|
| *Lm 3,900 Franco* | |
| *Lm 2,500 Noella* | |
| ***Lm 6,400*** | |
| *Sehem Carmel Pace* | *Lm8,888* |
| | ***(Lm6,400)*** |
| | *Lm2,488* |
| *Cash Silvia*[4] | *(Lm1,000)* |
| *Cash Noella* | *(Lm1,000)* |
| | ***Lm 488*** |
| *Cash Silvia* | *(Lm 44)* |
| *Cash Noella* | *Lm 444* |

*3112 rigal – bill of exchange – amount to be paid within 2 years (Silvia).*

Il-kawza hi relatata mal-hlas ta’ nofs is-somma li giet deskritta bhala rigal. L-attur spjega, ***“Lili offrewli** dawn il-flus bhala rigal* – *appuntu biex **ihajjruni naccetta u anke biex inhajjar lill-ohti Tereza taccetta peress li jiena kelli l-porkura taghha u dik taghmel kif nghidilha jiena. Dan ir-rigal kienu ser jaghtuhli wkoll ghaliex jien kont ilmentajt li kont infaqt hafna flus biex cempilt lill-ohti l-Awstralja u kienu ser ihabbtuni hafna u jien dan ix-xoghol ma ridtux ta’ xejn u allura ridt ukoll li nigi kkumpensat ghall-ispejjez tat-telefon ecc u anke tal-hin li kont qed nitlef”*** (fol. 11). Fis-seduta tal-10 ta’ Dicembru 2008, il-konvenut ikkonferma li s-somma ta’ Lm3,112 hi rigal[5], u min-natura ta’ l-eccezzjoni moghtija

---

[4] Omm il-konvenut.

[5] *“Nikkonferma li din is-somma thallset bhala rigal, anzi kellha tithallas bhala rigal.”* (seduta tal-10 ta’ Dicembru 2008). Fis-seduta tad-9 ta’ Gunju 2008 ta verzjoni differenti fis-sens li fuq il-bejgh taz-zewg proprjetajiet, l-attur kien qieghed jippretendi hlas ta’ Lm12,000.

hu evidenti li qieghed jaccetta dan il-fatt. Waqt it-trattazzjoni verbali d-difensur tal-konvenut ikkonferma li m'hijiex tigi kontestata t-tezi li l-hlas hu dovut bhala rigal.

M'hemmx dubju li l-ishma l-ohra fil-fond li xtara l-konvenut kienu nbieghu fuq kalkolu ta' prezz globali ta' Lm28,000[6]. Jekk wiehed kellu jaghmel il-kalkoli skond is-sehem li kellu l-attur (5/27[7]), il-prezz kellu jkun ta' **Lm5185** ghal sehemu, ammont li fir-realta' thallas permezz ta' dawn il-pagamenti: **Lm3,900** (dikjarati fil-kuntratti ta' bejgh), **Lm1,000** (imhallsa fi flus kontanti u li ma gewx dikjarati) u **Lm44** (imhallsa fi flus kontanti u li ma gewx dikjarati)[8]. Il-qorti m'ghandha l-ebda dubju, u l-konvenut m'huwiex jikkontesta, li l-hlas totali li kellu jircievi l-attur kien ta' **Lm8,056**.

7. Il-kawza giet ibbazata fuq il-kambjala datata 14 ta' Marzu 2007 li mmaturat fil-31 ta' Dicembru 2007. L-att gudizzjarju li bih inghata bidu ghal dan il-procediment, ma jaghmel l-ebda riferenza ghall-ghoti ta' rigal. Hu maghruf li kambjala tohloq obbligazzjoni ta' natura partikolari ghaliex hija wahda indipendenti mill-*causa obbligiationis*. Fil-kaz tal-lum il-konvenut qieghed isostni li l-*causa obligationis* li tat lok ghall-hrug tal-kambjala hi nulla ghaliex tikkonsisti f'donazzjoni li ma saritx b'att pubbliku kif titlob il-ligi. Fil-kawza fl-ismijiet **Avukat Dottor Henry sive Eric Mamo nomine vs Joseph Muscat et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Mejju 2001, saret riferenza ghas-sentenza pubblikata fil-Volum XXX.iii.499 fejn gie konfermat li: *"L-eccezzjonijiet personali huma opponibbli ghall-possessur ta' kambjali illi jitlob il-hlas taghha u jistghu jirrigwardaw tant l-origini ta' l-obbligazzjoni kemm l-ezercizzju taghha. Il-kompensazzjoni, bhall-pagament, jew il-mahfra totali jew parzjali ta' l-ammont kambjarju, hija wahda minn dawn l-eccezzjonijiet personali kapaci li jimmodifikaw jew jeskludu skond il-kaz, l-ezercizzju ta' l-istess kambjali"*.

---

[6] F'dan is-sens ara dokumenti esebit mill-konvenut a fol. 43.
[7] Sehem indiviz ta' 1/27 mill-wirt ta' missieru John Pace, u 1/6 mill-wirt ta' zijuh Michael Pace.
[8] Ara dokument a fol. 36.

Il-qorti ma tistax tonqos milli tosserva li l-kambjala[9] m’hijiex iffirmata mill-attur. F’dan ir-rigward tqum kwistjoni dwar il-validita’ tal-kambjala, in kwantu fiha biss il-firma tal-konvenut[10]. Fil-kawza fl-ismijiet **John Giordmaina et vs Joseph Pace et** deciza fis-7 ta’ Lulju 2006, il-Qorti ta’ l-Appell iddikjarat li kambjala hi nulla jekk ma tkunx iffirmata mill-kreditur. F’dik il-kawza l-kambjala giet iffirmata fil-mori tal-proceduri, u b’applikazzjoni tal-principju ta’ *jus superveniens* il-qorti qalet li l-kambjala hi valida. Madankollu anke jekk wiehed kellu jabbraccja t-tezi tal-Qorti ta’ l-Appell:-

(a) Skond l-Artikolu 213 tal-Kap. 12:- *“Fl-ewwel grad, fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni taghha inferjuri,* ***jekk ma tigix ippruvata t-talba kif imfissra fir-rikors, izda jigi ppruvat jedd iehor ghad li dan il-jedd l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali, il-qorti tista’ tiddeciedi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ippruvat, fuq l-istess rikors.”***;

(b) Il-qorti xorta ghandha tezamina l-pretensjoni ta’ l-esponenti fuq il-bazi li l-kambjala tikkostitwixxi prova fiha nnifisha li l-konvenut hu debitur. F’dan is-sens il-Qorti ta’ l-Appell iddikjarat li *“skrittura iffirmata mill-konvenut,* ***ghax anke l-kambjala hija skrittura, hija prova ta’ l-obbligazzjoni tieghu*** *fil-konfront ta’ l-attur nomine”* (**Adrian Busietta nomine vs Philip O. Gatt nomine** – deciza fil-31 ta’ Mejju 1996). Fil-kawza fl-ismijiet **Vincenza Xuereb vs Cecil Pace et nomine** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta’ Frar 1977, ghalkemm il-Qorti ma kkunsidratx il-kambjala bhala valida, xorta ghaddiet biex tikkunsidra jekk is-somma pretiza kenitx dovuta. Di fatti f’dak il-gudizzju t-talba attrici giet akkolta ***“mhux ghab-bazi ta’ l-azzjoni kambjarja imma ghab-bazi ta’ ftehim interkors bejn il-partijiet”***. Fuq l-istess linja fil-kawza **Giuseppe Cachia vs Emmanuele**

[9] L-original esebita mill-attur *animo ritirandi* fis-seduta tal-10 ta’ Dicembru 2009.

[10] Artikolu 123 tal-Kodici tal-Kummerc jipprovdi: *“Il-kambjala ghandu jkun fiha d-data, il-lk fejn tigi migbuda, is-somma li ghandha tithallas, l-isem ta’ dak li ghandu jhallas, u l-isem ta’ dak lil lilu jew ghall-ordni tieghu ghandu jsir il-hlas, iz-zmien u l-lok tal-hlas, u l-valur moghti fi flus, f’merkanzija, f’kont, jew f’kull mod iehor, u ghandha tkun iffirmata minn min jigbidha.”*.

**Farrugia** (Vol. XXV.iii.659) gie ritenut: *"se anche si volesse ritenere la cambiale come nulla in quanto cambiale, la scrittura sarebbe sempre una costituzione di debito a favore del possessore della scrittura medesima"*[11]. Fil-kawza fl-ismijiet **Alfred Calascione nomine vs Dottor Carmelo Mifsud Bonnici et nomine**, deciza fid-29 ta' Novembru1974, fejn ghalkemm il-kambjala giet dikjarat nulla, gie ritenut: ***"Li hu ormai pacifiku li t-talba tal-attrici tista' tigi sostnuta wkoll 'per equipollens'***[12]*. Li ghalhekk ghalkemm jirrizulta li l-kambjalijiet kienu nulli, pero rrizulta illi s-socjeta attrici hija kreditrici tas-socjeta konvenuta, fl-ammont mitlub".*

8. Fl-ewwel lok jibda biex jigi osservat li dan il-kaz ma jistax jinghad li jittratta dwar donazzjoni, imma fl-ahjar ipotezi weghda ta' donazzjoni; *"Rekwizit indispensabbli tad-dono manuale hija t-tradizzjoni….. 'La donazione manuale si perfeziona colla tradizione della cosa dal donante al donatario. Tale tradizione e' di essenza della donazione manuale.'."* (Vol. XXIX.ii.889). Fir-realta' d-donazzjoni ma saritx peress li l-flus ma nghatawx u inoltre rajna kif il-kambjala m'ghandix l-elementi kollha li huma rikjesti skond il-ligi. Weghda li skond l-Artikolu 1233 tal-Kodici Civili m'hemmx ghalfejn tkun bil-miktub. Il-gurisprudenza tal-qrati taghna rriteniet li f'kaz ta' weghda ta' donazzjoni m'hemmx azzjoni ghal esekuzzjoni forzusa hlief ghad-danni, u dan minhabba l-animu ta' liberalita'.

---

[11] Qorti ta' l-Appell – **Galea vs Grech Delicata** deciza fl-10 ta' Janar 1866 (Vol. III. 480); Qorti tal-Kummerc – **Gambin vs Garofalo** deciza fl-24 ta' Marzu 1877; Qorti tal-Kummerc – **Pollacco vs Pollacco** deciza fil-15 ta' Dicembru 1900 (Vol. XVII.iii.110); Qorti ta' l-Appell – **Dr. Mifsud vs Giacomotto** deciza fis-6 ta' Marzu 1912 fejn intqal, ***"la cambiale non firmata dal traente non e' un titolo negoziabile e trasferibile per girata, ma e' valida come una obbligazione civile o commerciale secondo la natura del credito"***; Qorti tal-Kummerc – **Giuseppe Cachia vs Emmanuele Farrugia et** deciza fit-28 ta' Jannar 1922, ***"attesocche' se anche si volesse ritenere la cambiale come nulla in quanto cambiale, la scrittura sarebbe sempre una costituzione di debito a favore del possessore della scrittura medesima"***. Qorti ta' l-Appell **– Parnis vs Rutter** deciza fil-15 ta' Ottubru 1926; Qorti Civili, Prim'Awla – **Henry A Pace vs Joseph Azzopardi** deciza fit-13 ta' Ottubru 1964 (Vol. XLVIII.ii.1206).

[12] Fuq l-ekwipollenza ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef J. Said Pullicino) fil-kawza fl-ismijiet **G. Calleja vs Dr. J. Herrera nomine et**, deciza fil-5 ta' Ottubru 1992 fejn gie kkonfermat il-principju li ***"f'kaz li mill-fatti tal-kawza tirrizulta kawzali diversa minn dik dedotta fic-citazzjoni, il-Qorti tista' minflok li tiddecidi ghan-nullita tac-citazzjoni, tipprovdi fuq il-meritu in bazi ghall-kriterju ta' l-ekwipollenza"***.

F’dan il-kuntest huma s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fil-kawzi, **Gregorio Bugelli et vs Salvatore Gatt** deciza mill-Prim’awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Mejju 1928 (Vol. XXVII), **Profs. Dr Isidoro Cassar vs Vittoria Zahra et** deciza fil-25 ta’ Novembru 1935 (Vol. XXIX.i.365), **Maria Stella Barbara et vs Adeodato Brincat et** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ Awwissu 1944 (Vol. XXVII.ii.74)[13], u **Carmela Buhagiar vs Salvatore Zarb** deciza fit-18 ta’ Ottubru 1950 (Vol. XXXIV.ii.705).

9. Madankollu l-qorti ma taqbilx mat-tezi li ppropona l-konvenut. Wara li kellha l-opportunita’ tisma lill-partijiet jaghtu x-xhieda *viva voce*, hi konvinta li l-ftehim dwar l-ghoti tar-rigal kien parti integrali tan-negozju. Kieku l-konvenut m’obbligax ruhu li jhallas is-somma ta’ Lm3,112, apparti l-prezz, in-negozju ma kienx isehh. Kienet din is-somma addizzjonali li hajret lill-attur sabiex jersaq ghat-trasferiment ta’ sehemu, wara li nizjalment beda jirrifjuta li jbiegh. Minghajr ebda ezitazzjoni l-qorti hi tal-fehma li dak li gie mwieghed lill-attur ma kienx intiz bhala xi rikonoxxenza, jew b’taghrif tal-merti tad-donatarju, jew bi hlas specjali ta’ xoghol li ghalih id-donatarju ma jkollu ebda jedd ta’ azzjoni (Artikolu 1738 tal-Kodici Civili). Il-qorti temmen li f’dan il-kaz in-negozju kien wiehed oneruz, fis-sens li ma kienx semplici kaz ta’ modalita’ imma hemm l-interdipendenza bejn il-prestazjonjiet reciproci. Hu evidenti li l-hlas li l-konvenut obbliga ruhu li jaghti lill-attur kien il-korrispettiv sabiex l-attur jaccetta l-offerta tal-bejgh, u ma kenitx xi klawzola accessorja; *“occorre porre bene in chiaro che il modo riduce gli effetti dell’attribuzione patrimoniale, ma **non costituisce un corrispettivo**….. **Nella donazione modale non si mira ad uno scambio, per esempio tra cio’ che e’ donato e la costruzione dell’ospedale**…. Invece il donante (o il testatore) vuole beneficare il donatario (o l’erede o il legatario); egli pero’ vuol restringere gli effetti dell’atto di liberalita’: e’ come se, invece di lasciare quello che attribuisce al donatario o all’erede (per esempio cento milioni), gli lasciasse cento*

[13] *“Skond il-gurisprudenza l-aktar recenti, il-weghda de ineundo contractu hija suxxettibbli ta’ ezekuzzjoni b’mod koercitiv fil-bicca l-kbira tal-kazi; u huma eskluzi minn dik l-ezekuzzjoni specifika dawk il-kazi fejn hemm l-element tal-liberalita’.”.*

*milioni meno quanto occorre per l'adempimento dell'onere."* (*Manuale di Diritto Privato*, A. Torrente u P. Schlesinger[14]). Fil-kuntest ta' attribuzioni patrimonjali b'titolu gratuwitu, l-ispirtu ta' liberalita' hu perfettament kompatibbli mal-imposizzjoni ta' piz fuq il-beneficjarju, **diment li l-oneru ma jassumix karattru ta' korrispettivita'** u jibqa' modalita' tal-beneficcju, jew ahjar semplici limitazzjoni ghall-beneficjarju permezz tat-tnaqqis tal-valur ta' dak li nghata lid-destinatarju tal-liberalita'. Hu evidenti li l-ftehim li sar u li bih il-konvenut wieghed li jaghti rikumpens lill-attur sabiex jersaq ghall-kuntratt ta' trasferiment, sar fil-kuntest ta' *do ut des* cjoe' ta' reciprocita'. Dan fis-sens li r-rapport guridiku li gie kreat bil-ftehim kien jinkludi fih prestazzjonjiet reciproci bejn il-kontendenti u mhux xi element accidentali ghal donazzjoni. F'tali cirkostanzi d-difiza tal-konvenut ma tistax tirnexxi u l-attur ghandu jedd li jezigi l-hlas, li wara kollox il-partijiet liberament ftehemu dwaru u li kien wiehed mill-kundizzjonijiet sabiex isir il-bejgh.

Ghal dawn il-motivi l-qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' tlett elef sitt mija u erbgha u ghoxrin euro u wiehed u hamsin centezmu (€3,624.51) bl-imghax min-notifika ta' l-ittra ufficjali prezentata fil-31 ta' Dicembru 2008, u bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[14] Giuffre' Editore (1981) pagna 247.